**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69/2017

**18 ta' Mejju, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera

### SKUZAT:

Ivan Agius – Viċi Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

69.1.1 Is-Sindku qrat ittra li permezz taghha il-Kunsillier Ivan Agius talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-attendenza tieghu.

69.1.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-assenza tas-Sur Ivan Agius kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

69.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 67 hekk kif emendati kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

69.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

69.2.3 Il-minuti ta' seduta numru 68 hekk kif emendati kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Antonia Perini ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

69.3.1 Is-Sindku infirma lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' attivita' li kienet qieghda tippjana li ttella' l-Kunsilliera Antonia Perini ghal Jum l-Omm kienet ser tkun qieghda tithassar minhabba attivitajiet politici li habtu fl-istess zmien tal-attivita'. Minflok kienet ser tkun qieghda tittella' attivita' f'Jum il-Missier

69.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni ma' haddiema li l-istess Kunsill Lokali kellu ssekondati mieghu minn District Operations ltd., u fuq talba tal-istess kumpanija kien gie installat *punch clock*. Is-Sindku, filwaqt li sahqet li fl-opinjoni taghha l-materja kienet wahda purament amministrattiva, qalet illi kienet giet avvicinata minn xi membri tal-Kunsill Lokali li ma kienux qablu mal-inzijattiva.

Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja li matulha, minbarra li kien hemm qbil fil-principju li l-inizjativa kienet wahda tajba, il-materja kellha tigi diksusa fis-seduta segwenti bil-ghan illi l-Vici-Sindku jinghata l-opportunita' jesprimi l-opinjoni tieghu dwarha.

## 69.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

69.4.1 Ma kienx hemm.

## 69.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

69.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru5/17) ghall-approvazzjoni.

69.5.2 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

69.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' April 2017 ghall-approvazzjoni.

69.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 69.6 Sejhiet ghall-Offerti

69.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mas-Sur Kevin Farrugia (KLBO04/2016) ghal servizzi ta' accountancy kien wasal biex jaghlaq l-ewwel sena tieghu u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni jekk jestendix il-kuntratt b'sena hekk kif legalment permessibbli.

69.6.2 Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Cachia Belli ssekondat mis-Sur Roderick Mamo,il-Kunsill unanimament approva li l-kuntratti jigi estiz b'sena.

69.6.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu Nexos Street Lighting Ltd. (KLBO01/2015) kien wasal biex jaghlaq u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni jekk jestendix il-kuntratt b'sena hekk kif legalment permessibbli.

69.6.4 Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill unanimament approva li l-kuntratti jigi

estiz b'sena.

69.6.5 Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera prezenti u li kienu membri fil-bord ta' evalwazzjoni ghal sejha ghall-offerti numru KLBO01/2017 sabiex fl-iqsar zmien possibbli issir l-evalwazzjoni. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi bil-ghan illi l-membri tal-bord jkunu ggwidati bl-ahjar mod possibbli, il-Kunsill Lokali kien ha pariri legali rigward is-sottomissjonijiet ricevuti u l-informazzjoni kollha kienet ser tkun qieghda tigi mghoddija lill-evalwaturi.

## 69.7 Audit Report u Management Letter 2016

69.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-udituri mqabbda mill-Gvern Centrali kienu hejjew *audit report* li ntbaghat lill-Kunsill Lokali u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-kontenut tar-rapport.

69.7.2 Wara li inqara ir-rapport tal-udituri u gie spjegat lill-Kunsilliera mis-Segretarju Ezekuttiv, inqrat ittra li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hejjiet b'risposti ghall-punti mqajjma mill-udituri tal-Gvern. Wara li nqraw il-punti kollha fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif abbozzat.

## 69.8 Hatra ta' kumitat tal-Finanzi

69.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara diskussjoni li kellha mas-Segretarju Ezekuttiv u sabiex il-Kunsill Lokali ikun konformi ma' Memo04/2015, kien jinhtieg illi jinhatar fi hdan l-istess Kunsill Lokali kumitat tal-finanzi. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-istess kumitat ikun kompost mis-sitt membri tal-kunsill Lokali prezenti flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-*accountant*. Is-Sur Ivan Agius inhatar sostitut f'kaz illi xi wiehed mis-sitt membri tal-Kunsill Lokali ikun indispost.

## 69.9 Grawnds Peppi Delceppo

69.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara laqgha li kienet inzammet mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma setax jixtri s-sehem li negozjant privat kellu fil-grawnds Peppi Delceppo minhabba ragunijiet legali. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti eventwali possibilitajiet bil-ghan illi progett li l-Kunsill Lokali kellu ghall-imsemmi sit (permezz ta' skema mhabbra mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali) timmaterjalizza.
Gie stabbilit illi sabiex dan isehh, kien jinhtieg ukoll li jsiru xi modifiki fuq il-pjanti originali.

## 69.10 Rapporti

69.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali qalet illi kien thejja r-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Marzu 2017.

69.10.02 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall l-imsemmi rapport, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sur Roderick Mamo il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

69.10.03 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport amministrattiv ghas-sena 2016. Wara li inqraw id-dettalji tad-dokument imsemmi, u kien hemm diskussjoni libera dwar l-attendenza tal-Kunsilliera ghas-seduti, li allegatament kienet tvarja minn dik imnizzla fir-rapport, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera, illi kellha tigi vverifikata l-attendenza ghas-seduti ghas-sena 2016.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-attendenza kienet giet irregistrata skond kif irrapportat fil-minuti tas-seduti tal-istess perjodu u l-amministrazzjoni kienet ser tkun qieghda timplimenta ezercizzju ta' verifika dwar il-korrettezza tal-minuti tal-2016.

69.10.04 Is-Sindku pprezentat rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kien jirrikjedi decizjoni mill-Kunsill Lokai. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- B'referenza ghal e-mail datata 15 ta' Mejju 2017 minghand Green MT rigward il-gbir ta' skart riciklabbli, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaccetta l-proposta li l-iskart in-kwistjoni jingabar darba f'gimgha u cioe' kull nhar ta' tlieta peress li l-possibilita' li jingabar darbtejn f'gimgha u jhallas ghal gabra minnhom il-Kunsill Lokali kienet ser tkun ta' piz fuq il-finanzi tal-istess Kunsill Lokali.

69.10.05 Is-Sindku qalet illi flimkien ma' l-amministrazzjoni kienet bdiet il-hidma rigward decizjoni tal-Kunsill Lokali li kienet ittiehdet waqt is-seduta precedenti u li kienet tikkoncerna xiri ta' street lighting ghal Triq Nelson u Triq San Mikiel. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet saret spezzjoni f'nurmu ta' toroq (Sqaq u Triq Santa Liena, Triq San Lazzru, Triq il-Kuncizzjoni, Triq San Dwardu, Triq Matty Grima, Triq Marjano Gerada, Triq Guliermu u sqaq Srejdek), kienet tal-fehma illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel progett holistiku fejn jidhol street lighting u jikkunsidra l-possibilita' illi fuq medda ta' xhur jinxtraw fanali sabiex jinbidlu dawk ezistenti.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jingabru stimi sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-materja fid-dettall u jiholoq pjan.

## 69.11 Mozzjonijiet

68.11.01 Mozzjoni Nru 08-2017 (VII)

*Wara li l-Kunsill Lokali ircieva fondi mill-LESA li jammontaw ghal Euro2,987 (elfejn disa' mija u seba' u tmenin) qed nipproponi li l-Kunsill jinvesti dawn il-flus mill-gdid f'servizzi ta' Eco-Wardens fil-lokal taghna/.*

Proponent: Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Noyah Spiteri

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni (DOK C ) wara votazzjoni . Gie deciz illi qabel tigi implimentata l-mizura l-Kunsill Lokali kellu jibghat ittra lir-residenti sabiex ikunu infurmati bl-inizjativa.

## 69.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

68.12.01 Il-laqgħa intemmet fit-8:55pm wara li giet ezawrita l-agenda,u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 14 ta' Gunju 2017, 2017 fis-6.30pm. Bi qbil unanimu, gie deciz illi l-granet li fihom jinzammu s-seduti tal-Kunsill Lokali ma kellhomx jahbtu l-Hamis izda l-Erbgha.

Konfermati, illum 14 ta' Ġunju, 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |